MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Avviz Numru. 345/2011

**Spinola Development Co Ltd**

**vs**

**Ruairidh O’Laoire**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar l-10 ta’ Ottubru 2011 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ erbat elef sebgha mija tmienja u hamsin euro u ghaxar centesmi euro (EURO 4,758.10),rapprezentanti din is-somma prezz ta’ elettriku, *common costs*, *sevice charge*, *extras* u zebgha tal-faccata relattiva ghal Appartament 43, Block 30, Portomaso Complex, San Giljan skond kif jirrizulta mill-annessi fatturi u *credit notes* immarkati bhala Dokument A1 sa A26 u mill-anness prospett markat bhala Dokument B liema somma huwa baqa’ ma hallasx

nonostante diversi nterpellazzjonijiet li sarulu u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-28 ta' Lulju 2011 u bl-imghaxijiet bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena sal-hlas effettiv.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Marixxal John Francica datat 26 ta' Dicembru 2011 fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill lokali ta' San Giljan, fl-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan kif ukoll fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici.

Illi l-konvenut gie notifikat b'din il-kawza ukoll permezz ta' avviz li deher fil-gazzetta tal-Gvern datat 31 ta' Jannar 2012 u fil-gazzetta lokali The Malta Independent datat 13 ta' Marzu 2012.

Illi fis-seduta tat-29 ta' Marzu 2012 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' April 2012 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qieghda ghalhekk tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbat elef sebgha mija tmienja u hamsin Euro u ghaxar centesmi euro (EURO 4,758.10), ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjes kif mitluba fir-rikors promotur kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------